MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' April, 2005

Talba Numru. 2000/2004

**Engros Limited**

**vs**

**John Bonett**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas is-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltija (Lm380) rapprezentanti bilanc minn somma akbar minnu dovuta lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija konsistenti anke f'appliances, white goods u oggetti ohra tad-dar mibjugha u kkonsenjati lill-istess konvenut, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-bejgh u konsenja tal-oggetti lill-konvenut sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fit-22 ta' Novembru, 2004 fejn intqal illi l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-vertenza, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**
**Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghal premess, il-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**Ghaldaqstant, it-talba fil-konfront tal-konvenut ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Rapinett. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ra illi b'digriet tas-6 ta' Jannar 2005 giet kjamata fil-kawza Mary Grace Bonett.**

**Illi t-Tribunal in vista tan-nota ta' ammissjoni li giet prezentata qed jirrevoka d-digriet tal-kjamat in kawza.**

**Ra n-nota ta' ammissjoni pprezentata mill-konvenut John Bonett fis-17 ta' Marzu, 2005 li biha ammetta t-talba tas-socjeta' attrici.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmenin lira (Lm380.00). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-4 ta' Novembru 2004. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------